VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,692, 31 ta' Awwissu, 2021
Taqsima B

A.L. 341 tal-2021

ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT (KAP. 549)

Regolamenti tal-2021 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar l-Istaġun tal-Kaċċa fil-Ħarifa għall-Gamiem)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent u tad-dispożizzjonijiet tar-raba' proviso għar-regolament 10(6) tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, il-Ministru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar, flimkien mal-Ministru għal Għawdex, u wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2021 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar l-Istaġun tal-Kaċċa fil-Ħarifa għall-Gamiem).

Tifsir.

L.S. 549. 42.

2. Kliem u frażijiet użati f'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, għandu jkollhom l-istess tifsir kif mogħti lilhom fir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "r-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi".

Jiġi stabbilit l-istaġun tal-kaċċa.

3. Minkejja d-dispożizzjonijiet tar-regolament 19(3) tar-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi, l-istaġun tal-Kaċċa fil-Ħarifa għall-Gamiem (*Streptopelia turtur*) fuq l-art għandu jkun bejn l-1 ta' Settembru u t-30 ta' Settembru ta' kull sena, biż-żewġ dati inklużi:

Iżda d-dispożizzjonijiet tar-regolament 19(3) tar-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi għandhom jibqgħu applikabbli, ħlief għal dak li huwa inkonsistenti ma' din id-dispożizzjoni.

Kondizzjonijiet tal-kaċċa.

4. (1) Il-kwota komplessiva għall-istaġun tal-kaċċa fil-Ħarifa għall-Gamiem għandha tkun 500.

(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1(a) tal-Iskeda IV tar-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi, kwalunkwe Gamiem ikkaċċjat matul Settembru għandu jiġi rrappurtat immedjatament, permezz tas-sistema telefonika tar-rappurtar tal-kaċċa jew permezz tal-mobile app tar-rappurtar tal-kaċċa.

(3) L-istaġun tal-kaċċa fil-Ħarifa għall-Gamiem jista' jiġi

VERŻJONI ELETTRONIKA

magħluq qabel it-30 ta' Settembru ta' kull sena jekk il-kwota stabbilita fis-subregolament (1) tkun intlaħqet.

(4) Jekk tkun intlaħqet il-kwota, il-Ministru għandu jordna, b'avviż fil-Gazzetta jew b'avviż ieħor, li l-istaġun tal-kaċċa fil-Ħarifa għall-Gamiem għandu jagħlaq minnufih. Id-detenturi tal-liċenzja għandhom jiġu infurmati minnufih b'tali għeluq permezz tas-servizz ta' messaġġ qasir (SMS) fuq in-numru reġistrat mat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi u l-ebda kaċċa għall-Gamiem ma tista' ssir minn dak il-mument 'il quddiem.

Reati u pieni.

5. Kull persuna li tonqos milli tikkonforma ruħha ma' xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti għandha tkun ħatja ta' reat u għandha teħel il-pieni stabbiliti taħt ir-regolament 27(3) jew taħt ir-regolament 27A tar-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi, kif applikabbli.

Tħassir.
L.S. 549. 101.

6. Ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar l-Istaġun tal-Kaċċa fil-Ħarifa għall-Gamiem) huma b'dawn imħassra.